Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1862/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc**

**Vs**

**Michael Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltin) rapprezentanti bhala "policy excess" skond kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-kontendenti wara li mas-socjeta' attrici noe kienet registrata "claim" bin-numru 03B452(6) fil-kwalita' taghha ta' assikuratur tal-vettura numru EAW 814 propjeta' tal-konvenut li kienet involuta f'incident stradali li gara San Gwann fl-20 ta' Gunju 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------